*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu nhar l-Erbgħa, 09 t'April 2003 waqt is-serata tal-ftuħ uffiċjali tal-Wirja Sagra bit-tema 'XBIHAT DEVOTI FIL-GŻEJJER MALTIN u TIFKIRA TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU 1913' li ġiet imtellgħa fil-Każin tas-**Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard** tal-Mosta. Huwa għoġbu jagħtina din il-kitba u għalhekk il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzjah.*

***(ritratti ġentilment mislufa mingħand l-awtur ta' din il-kitba)***

# L-XXIV Kungress Ewkaristiku jsir f'Malta f'April 1913

*minn Tony **TERRIBILE***



**Bla** dubju ta' xejn wieħed mill-isbaħ monumenti li nsibu f'dawn il-gżejjer huwa mwaqqaf fil-Floriana f'ġieħ Kristu Sultan. Dan il-monument huwa opra ta' Antonio Sciortino u kien ġie nawgurat mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana fit-30 ta' Diċembru 1917. Hu opra artistika li qegħda tagħmel ġieħ lil dan l-iskultur Malti. Iżda jekk dan il-monument hu opra artistika kbira daqshekk ieħor hija kbira l-ġrajja li qiegħed ifakkar - l-erbgħa u għoxrin Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar Malta fl-1913.

It-tlieta u għoxrin Kungress Ewkaristiku li saru qabel dan ta' Malta, saru kollha f'pajjiżi kbar u magħrufa bħal Franza, il-Belġju, Spanja, Ruma u pajjiżi oħra u forsi għalhekk wieħed jista' jistaqsi: "għaliex dan il-Kungress sar f'Malta?" F'Diċembru 1911 kien sar Konċistorju mill-Papa Piju X li fih, l-Arċisqof ta' Westminster Francis Bourne, kien ġie magħżul Kardinal.

Fi triqtu lura lejn Londra għadda Malta u kull fejn mar ġie mogħti merħba kbira. Milqut mill-ħbiberija tal-Maltin, u wkoll mill-knejjes sbieħ tagħna, hu ssuġġerixxa li Malta tkun il-pajjiż tajjeb biex fih isir Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Hu wiegħed lill-Arċisqof Pietro Pace li dan is-suġġeriment kien ser iressqu quddiem il-Kumitat Permanenti li jorganizza dawn il-Kungressi.



*Il-Kardinal Francis Bourne.*

Il-Kardinal Bourne żamm kelmtu u ressaq it-talba tiegħu biex l-XXIV Kungress Ewkaristiku jsir fi gżiritna. Kien hemm diversi iżda, li kienu kontra din il-proposta billi bdew jgħidu li Malta kienet nieqsa minn ċerti faċilitajiet bħalma huma lukandi, mezzi tat-trasport u fuq kollox li Malta ma kienitx f'post ċentrali biex tintlaħaq mill-kungressisti.

Wara li studja bir-reqqa l-pożizzjoni kollha, il-Kumitat Permanenti warrab id-diċeriji kollha u fi tmiem il-Kungress ta' Vjenna, jiġifieri fil-21 ta' Settembru 1912, tħabbar uffiċjalment li l-Kungress li kien ser isir f'Malta.

Għal din l-aħbar, Malta xegħlet bil-ferħ u l-Arċisqof Mons. Pietro Pace, isqof xwejjaħ ta' tmenin sena, waqqaf kumitat nazzjonali responsabbli mill-organizzazzjoni ta' dan il-Kungress. Kien kumitat kbir kompost minn tlett mitt ruħ, u li wara dawn ġew maqsuma f'sotto kumitati responsabbli mill-attivitajiet differenti, iżda 'r-ruħ' ta' l-attivitajiet kien l-isqof awżiljarju d-Dumnikan Angelo Portelli.

Il-membri kollha tas-sotto kumitati ħadmu mal-kumitat eżekuttiv



*Mons. Arċisqof Pietro Pace.*



*L-Isqof Awżiljarju Angelo Portelli.*



*L-Isqof ta' Namur, (Belġju) Mons. Thomas Heylen.*

biex jitfassal il-programm uffiċjali mifrux fuq ħamest ijiem u fuq kollox biex jingħażlu l-postijiet ta' dawn il-funzjonijiet. F'Ottubru 1912 wasal Malta Mons. Thomas Heylen, Isqof ta' Namur fil-Belġju, li kien is-segretarju tal-Kumitat Internazzjonali ta' dawn il-Kungressi.

Il-kumitati Maltin iltaqgħu miegħu aktar minn darba u ddiskutew miegħu xi problemi.




*Ir-Rotunda tal-Mosta.*

Żewġ problemi li kienu jaħarqu kienu l-ewwel waħda l-għażla tal-post tal-laqgħat tal-kungressisti. Il-kumitat Malti kien għażel il-bitħa tal-Kulleġġ San Alwiġi ta' Birkirkara, iżda ma ġietx milqugħa. Proposta oħra kienet il-bitħa ta' l-Oratorju tas-Sależjani tas-Sliema, imma din il-proposta ġiet ukoll imwarrba u fl-aħħar sar ftehim li tingħażel il-knisja tal-Mosta, ir-Rotunda. Kienet proposta li ġiet milqugħa minn kulħadd.

It-tieni problema kienet il-purċissjoni. Il-kumitat kien għażel rotta qasira u l-kumitat internazzjonali ried rotta itwal. Mons. Heylen ġie mdawwar biex jara diversi postijiet f'Malta u meta ġie meħud il-Barrakka ta' Fuq u mill-gallerija tal-Barrakka ra dik il-fetħa sabiħa u mperċa tal-Port il-Kbir flimkien mad-dehra tat-tlett ibliet bis-swar tagħhom, issuġġerixxa biex f'dak l-istess post issir iċ-ċerimonja tal-Barka Sagramentali fuq il-baħar.



*Il-Legat tal-Papa, il-Kardinal Domenico Ferrata.*

Fil-5 ta' Diċembru 1912, il-Kardinal Domenico Ferrata ngħażel mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex ikun ir-rappreżentant tal-Papa f'dan il-Kungress. Kien Kardinal magħruf mal-Maltin billi fl-1905 kien ġie Malta biex jinkuruna l-kwadru titulari ta' l-Immakulata ta' Bormla.

Mal-bidu ta' l-1913 f'Malta nbdiet tħejjija spiritwali fil-parroċċi kollha bħala tħejjija għal dan il-Kungress. L-Arċisqof Pietro Pace, permezz ta' l-Ittra Pastorali ħeġġeġ lill-poplu biex jingħaqad ma' l-Awtoritajiet Reliġjużi u Ċivili u l-kungressisti li ġejjin Malta, f'din il-manifestazzjoni ta' fidi.

Tħabbar uffiċjalment li l-Legat tal-Papa kellu jasal Malta fit-22 t'April permezz ta' l-HMS Hussar mislufa għal din l-okkażjoni mill-awtoritajiet navali. Mal-bidu t'April, it-toroq tal-Belt u l-Floriana ġew armati b'armar artistiku ta' girlandi, bnadar, festuni, trofej, festuni bit-tazzi taż-żejt, statwi u armar ieħor.

Knejjes u bini pubbliku ġew armati b'numru kbir ta' tazzi taż-żejt. Ġibdu ħafna l-attenzjoni l-ark trijonfali li ġie armat ħdejn it-Tejatru Rjal u wkoll it-Tribuna fil-Floriana li fuqha kellha ssir iċ-ċerimonja ta' l-għeluq ta' dan il-Kungress. Fl-aħħar ġranet qabel il-bidu tal-Kungress, mijiet ta' Maltin daħlu l-Belt biex jarawha armata għal din l-okkażjoni. Il-Belt qatt ma kellha dehra hekk sabiħa.

Il-ġurnata tal-wasla tal-Legat tal-Papa waslet. Kmieni wara nofsinhar is-swar tal-Belt u tal-Kottonera kienu maħnuqa bin-nies. Fl-erbgħa ta' wara nofsinhar, bejn iż-żewġ daħliet tal-Port il-Kbir deher dieħel l-HMS Hussar li fuqu kien wasal il-Legat tal-Papa. Il-poplu



*Il-wasla tal-kungressisti fil-Mosta l-Erbgħa, 23 t'April 1913.*






*Il-wasla tal-Kardinal Domenico Ferrata fil-Mosta.*

nfexx f'applawsi kbar u l-qniepen ta' Malta kollha daqqew mota ta' ferħ u ta' merħba. Il-Kardinal ħalla l-frejgata u niżel fuq lanċa navali akkumpanjat mill-Isqof Angelo Portelli. Numru kbir ta' dgħajjes armati bil-bnadar laqgħu l-Legat tal-Papa minn fuq il-bċejjeċ tagħhom filwaqt li s-sireni tal-vapuri navali ankrati fil-Port daqqew bil-kbir bħala sinjal ta' merħba. Fid-dwana, il-Legat tal-Papa ġie milqugħ mill-Awtoritajiet Ċivili u mill-Kumitat tal-Kungress.

Fost rassa kbira ta' nies, il-Legat rikeb il-karrozzella u din bi tbatija kbira waslet ħdejn il-knisja ta' Sarria. Quddiem din il-knisja ġie milqugħ mill-Arċisqof Pietro




*Il-Kardinal Legat dieħel fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Tidher ukoll il-Banda Nicolò Isouard tilqa' lill-Kardinal Ferrata.*



Pace u mill-Imħallef Pullicino. Wara li saru diskorsi qosra, bdiet miexja purċissjoni trijonfali ta' eluf ta' Maltin li wasslu l-Legat sal-Kon-katidral ta' San Ġwann, f'dimostrazzjoni kbira. Għal din l-okkażjoni l-Legat tal-Papa mexa taħt baldakkin merfugħ min-nobbli Maltin. Il-baned tal-Belt komplew kabbru din l-okkażjoni.

Il-Kungress fetaħ uffiċjalment nhar l-Erbgħa, 23 t'April, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Waqt id-dħul tagħhom fil-knisja, il-Kardinal Legat, it-tlett kardinali l-oħra, l-isqfijiet u l-kungressisti l-oħra ġew mogħtija merħba kbira mill-poplu li mela z-zuntier u l-misraħ ta' quddiem il-knisja. Il-Mosta wkoll ġiet armata b'mod sabiħ għal din l-okkażjoni unika. Fil-knisja saru diskorsi minn kelliema magħrufa barranin u wkoll Maltin.

Il-Ħamis, 24 t'April, it-tfal ta' Malta u Għawdex inġabru fil-għodu kmieni fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana għall-quddiesa li kellu jiċċelebra għalihom il-Legat tal-Papa. Madwar għaxart elef tfal attendew għal din il-quddiesa. Il-knisja kienet maħnuqa u ħafna minnhom tħallew fuq il-Fosos u għat-Tqarbin ħafna minnhom ġew meħuda fil-knisja tal-Kapuċċini u fil-knisja ta' Sarria. Waqt it-Tqarbin qamet konfużjoni kbira tant li l-Isqof Emard qal: "Din hi konfużjoni u diżordni li tgħaxxqek"! Wara t-tfal imxew proċessjonalment mill-Floriana għall-Belt. Għal din l-okkażjoni wkoll il-Maltin ħonqu t-toroq ta' beltna u magħhom ingħaqdu l-kungressisti barranin li kollha kemm huma laqgħu lit-tfal b'applawsi kbar. Il-Kardinal Legat, flimkien mal-kardinali l-oħra u numru ta' Isqfijiet raw din il-purċissjoni tat-tfal mill-gallerija tal-Każin Malti. Fil-għaxija, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta saret laqgħa oħra li fiha tkellmu aktar kelliema Maltin u barranin.

Il-Ġimgħa 25 t'April, fil-għodu kmieni l-Legat tela' l-Imdina biex jiċċelebra Pontifikal sollenni fil-knisja katidrali. Fi triqtu lejn l-Imdina, il-Legat tal-Papa ġie mogħti merħba kbira minn kull fejn għadda u fuq is-Saqqajja l-ġemgħa tan-nies kienet kbira ħafna. Quddiem il-knisja ta' l-Agostinjani, il-Legat mexxa l-purċissjoni ewkaristika mat-toroq ta' l-Imdina, li għal din l-okkażjoni kienet armata b'mod tassew sabiħ.

Is-Sibt 26 t'April, il-Kardinali u l-Isqfijiet qaddsu fil-knejjes u l-parroċċi differenti u ftit qabel nofsinhar dawn inġabru għall-aħħar darba fir-Rotunda tal-Mosta għall-aħħar laqgħa tal-Kungress. Wara l-aħħar diskorsi, l-Isqof Angelo Portelli, f'isem il-poplu ta' dawn il-gżejjer, offra kalċi tad-deheb lill-Kardinal bħala tifkira dejjiema ta' dan il-Kungress. Il-kungressisti barranin u l-Maltin miġbura fil-knisja tal-Mosta laqgħu dan il-ġest b'applaws kbir.



*Il-kungressisti fir-Rotunda tal-Mosta waqt sessjoni mill-ftuħ.*

Wara nofsinhar fil-Belt saret il-funzjoni tat-tberik tal-baħar. Il-purċissjoni ħarġet mill-Kon-katidral ta' San Ġwann għall-Barrakka ta' Fuq. Minn kull fejn għaddiet il-purċissjoni, il-poplu rama bil-qsari, bit-twapet u bil-fjuri filwaqt li l-qniepen tal-Belt u tal-Kottonera daqqew moti ta' ferħ.

Is-swar għal darb'oħra reġgħu mtlew bin-nies u l-baħar kien mimli bid-dgħajjes armati għal din iċ-ċerimonja. Ma' l-intonazzjoni tat-*Tantum Ergo*, l-inħawi tal-Port inbidlu f'kor ta' kant lil Ġesù Ewkaristija u fost id-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha u t-tisfir tas-sireni tal-vapuri, il-Legat tal-Papa bierek lil din il-miġemgħa kbira b'Ġesù Ewkaristija. Għal din l-okkażjoni u fl-okkażjonijiet kollha tkanta l-innu uffiċjali tal-Kungress '*T'Adoriam Ostia Divina*' kompożizzjoni tas-surmast Ġużeppi Caruana u versi ta' Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali.

Il-Ħadd 27 t'April, kien il-jum ta' l-għeluq ta' dan il-Kungress. Dan sebaħ bid-daqq tal-moti tal-knejjes tal-Belt li taw merħba lil-Legat tal-Papa u lill-Isqfijiet l-oħra li nġabru fil-Kon-katidral ta' San Ġwann għal quddiesa pontifikali ċċelebrata mil-Legat tal-Papa, Domenico Ferrata. Kif kien xieraq għal din l-okkażjoni l-Kon-katidral ta' San Ġwann kien maħnuq bin-nies.





*Il-kungressisti deħlin fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt – imżejjen għall-okkażjoni. Dehra tal-konkattidral minn ġewwa waqt il-Ponfitikal – il-Ħadd 27 t'April 1913.*



*Xena sabiħa tal-Port il-Kbir waqt il-Barka Sagramentali f'għeluq il-Kungress.*





*Żewġ kartolini biex ifakkru l-avveniment kbir tal-Kungress Ewkaristiku 1913.*




Il-purċissjoni ta' l-għeluq bdiet ħierġa minn San Ġwann kmieni wara nofsinhar għall-ħabta tat-tlieta u nofs. Ħadu sehem fiha l-fratelli tas-Sagrament mill-parroċċi kollha, reliġjużi, saċerdoti djoċesani, sorijiet, kungressisti barranin, isqfijiet u oħrajn. Hu kkalkulat li f'din il-purċissjoni ħadu sehem fiha 'l fuq minn sebat elef ruħ! Għal din l-okkażjoni Beltna ħadet dehra tal-Ġenna, bil-kant ta' l-innijiet ewkaristiċi u bid-daqq tal-qniepen.

Barra l-armar uffiċjali tal-Kungress, il-poplu rama t-toroq bit-twapet, bil-qsari u bil-fjuri. Il-kungressisti barranin baqgħu milquta b'din l-imġieba devota tal-Maltin. Ftit drabi Beltna kienet rat din il-kwantità ta' nies, u għalkemm il-bieb ta' Putirjal ingħalaq għall-poplu ma' nofsinhar, malli dan infetaħ, il-poplu ħonoq it-toroq tal-Belt.

L-istess xena kienet qegħda tistenna din il-purċissjoni l-Floriana fejn imbagħad il-poplu Malti nġabar kollu għal barka sagramentali li għalqet dawn il-jiem qaddisa tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.

Għaddew disgħin sena minn din il-ġrajja u ftit huma dawk il-Maltin u l-Għawdxin li gawdew il-hena ta' dawk il-ġranet u għadhom magħna. Iżda f'diversi partijiet ta' gżiritna għad għandna tifkiriet li jfakkruna f'dawn il-ġranet għeżież. Dawn insibuhom fil-Floriana, fil-Barrakka ta' Fuq, fil-Mosta, fil-Katidral ta' l-Imdina u taħt l-istatwa ta' San Pawl fir-Rabat.

Fl-aħħarnett insemmu l-innu ewkaristiku li twieled f'Malta f'dan il-Kungress '*Nadurawk ja Ħobż tas-Sema*' li llum sar innu internazzjonali u li għadu jitkanta f'partijiet differenti tad-dinja f'dawn il-Kungressi Ewkaristiċi. U jixraq li nagħlqu bil-poeżija li l-Poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila, kiteb dwar l-istatwa ta' Kristu Sultan fil-Floriana.

# Il-Monument

## Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku 1913



Waħdek, ġwejjed, b'mixjitek sabiħa,
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

Għax, jekk nobsor is-sewwa, l-imħabba
Setgħet tqabbdek triq twila bħal din,
Li t-tmiem tagħha ebda ħarsa ma tilmaħ,
Illi fuqha ilek tagħnet is-snin;

Dik l-imħabba sabiħa, qawwija,
Illi ridt fl-art tal-ħażen iġġib,
Li tellgħetek mal-għolja tan-niket,
Li sammritek fuq l-eħrex salib.



*Il-monument ta' Kristu Re fil-Floriana – tifkira tal-Kungress Ewkaristiku – inawgurat 30/12/1917. (ritratt żgħir) L-Iskultur Antonio Sciortino li ħadem dan il-monument ta' Kristu Re.*

Jidher ħsiebek fil-ħemda ta' ġbinek,
Tidher qalbek minn ħarset għajnejk;
Kemm hi għommtok fl-imħabba jgħiduli
Dawk il-ħofor li għandek f'ħaddejk.

Jien niftakar: hekk rajtek snin ilu;
Kienu s-siġar miżgħuda bil-ward,
L-isbaħ xemx kienet nieżla mis-sema,
L-oħla fwieħa tittajjar mill-art,

U Int ġwejjed, b'mixjitek sabiħa,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem,
B'dik il-ħlewwa ta' Bniedem u Alla,
B'dik il-ħarsa mixħuta 'l quddiem,

Mat-triqat ta' dil-gżira maħbuba,
Donnok fl-art ta' twelidek, għaddejt,
U kull fejn rifes riġlek, o Mqaddes,
Hena u barka fi djarna ħallejt.

U hekk rajt lil din l-art li nisslitni,
Rasha mdawra bil-qawwa tas-swar,
Idha mqiegħda fuq maqbad ix-xabla,
S'dirha wettaq ġo l-ifrem azzar.

Taħbi wiċċha, biex ġmielek biss jidher,
Ja Sultan, li taf tirbaħ u tħenn,
Ja Feddej, li taf tagħder u taħfer,
Li taf tgħajjex b'imħabba tal-ġenn;

U bil-kelma li tixraq dil-libsa
Tagħmel ħalfa għal kemm żmienha jtul
Qatt minn qalbha, minn moħħha ma twarrab
Il-misterju tal-għeneb u s-sbul.

Oh xi ħlewwa ta' ġranet imbierka
Kienet dik! liema ferħ kullimkien!
Fuq kull wiċċ tara d-daħka tal-hena,
Ħarsa mnikkta ma tilmaħ imkien!

U rajt ġnus minn kull naħa tad-dinja
Biex jarawk kbir u kieni għaddej
Miġburin ġo dil-ħolqa ta' gżira;
Imbagħ'd għajta ta' ferħ: "Ġesù ġej!"

U smajt fl-ajru għaddejja bħal mewġa
Ta' daqq ħelu, ta' ilħna safjin ...
Kienu tfal? ... Kienu kotra ta' qniepen ...
Kienu anġli hemm fuq moħbijin? ...

U mill-bjut u mit-twieqi miżgħuda
Niżlet xita ta' ward taħt riġlejk ...
Imbagħ'd baħar ta' nies illi jmewweġ,
Dwal u dhaħen li jfewġu hemm ħdejk,

Imbagħ'd għajta bħal ragħda qawwija,
Bħal tnehida ta' baħar fil-qrib,
X'ħin Int tlajt fuq il-għolja tas-saħħa
Biex tal-Barka troddilna s-salib.

Issa waħdek, b'mixjitek sabiħa,
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem?




*Kartolina tifkira tad-90 Anniversarju mill-Kungress – maħruġa mill-Kunsill Lokali Mosta.*